MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Numru. 185/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 24 TA' APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**

**KONTRA**

**MARIO GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mario Gatt ta’ 46 sena, bin Anglu u Josephine nee’ Borg, mwieled B’Kara nhar is- 17 ta’ Frar 1962, u residenti fil-fond 64 , Villino Edera, Triq id- Driss, Swieqi, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 137362(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:
1. F’dawn il- Gzejjer, fil-25 ta’ Settembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, iffalsifika jew biddel, minghajr il- kunsens tas- sid, l- ismijiet, il- marki jew is-sinjali distintivi tax- xoghol tal- mohh, jew tal- prodott ta’ industrija, jew , xejntement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il- kunsens tas- sid;

2. Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, iffalsifika jew biddel, minghajr il- kunsens tas- sid, id-disinji jew mudelli ta’ manifattura, jew , xjentement, ghamel uzu ta’ dawn id- disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor minghajr il- kunsens tas- sid;

3. U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement, ghamel uzu ta’ marka, sinjal, tabella, jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix- xorta tal- merkanzija, jew biegh merkanzija, b’ din il- marka , sinjal jew emblema;

4. Kif ukoll talli fl- istess perjodu , lok u cirkostanzi, xjentement, qeghed fic- cirkolazzjoni, biegh, jew zamm ghandu ghall- bejgh jew importa ghall- hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’ marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’ qerq;

5. U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil- ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna

ohra, jew bil- hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il- kunsens tal- propjetarju, applika fuq oggetti jew fuq l- ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x' aktarx, jithawwad ma' trademark registrata;

6. U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi , bil- ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil- hsieb li jikkaguna telf lil xi perusna ohra, u minghajr il- kunsens tal- propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall- bejgh jew kera jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l- ippakkjetar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x' aktarx jithawwad ma' trademark registrata.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni hu kkonferma wara li nghata zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidra;

Ikkunsidrat:

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal- Kapitolu 9, l-Artikoli 72 (1)(a) (b) tal- Kapitolu 416 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qes issib lill- imputat Mario Gatt hati u ghal daqstant tapplika l- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ghal sena.

Tordna konfiska ta' l- oggetti esebiti.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------